# Mro. Salvatore Mallia

## *(21.09.1872 – 26.03.1937)*

**tagħrif miġbur minn John Gafà**

Għal darba oħra sejjer nikteb dwar wieħed mis-sbatax-il surmast li kellha l-Banda San Filep matul iż-żminijiet. Dan hu s-surmast Salvatore Mallia, li għal tliet darbiet idderieġa lil omm il-baned Maltin u Għawdxin. Dan is-surmast ħa l-bakketta f'idejh mill-1893 sal-1899, mill-1903 sal-1904 kif ukoll fis-sena 1921.

Salvatore, Peter Carmel Mallia, twieled fir-raħal pittoresk tas-Siġġiewi nhar is-Sibt 21 ta' Settembru 1872, minn Nikola Mallia u Rosa nèe Scicluna, fejn ġie mgħammed l-għada l-Ħadd fil-knisja parrokkjali. Huwa kellhu ħuh ieħor, Pietru, li għamel isem fil-qasam arkitettoniku, filwaqt li Salvatore għamel isem fil-qasam mużikali.



Fil-fatt, minn tfulitu Salvatore diġà kellu ġibda qawwija lejn il-mużika. Iżda meta huwa wera lill-ġenituri tiegħu x-xewqa sabiex jistudja din l-arti, dawn ma qablux miegħu. Għalhekk tgħallem is-sengħa ta' skarpan.

Salvatore ma qatax qalbu u wera x-xewqa li jitgħallem il-mużika lil nanntu Evanġelista li kienet mill-Gudja. Għalkemm l-ġenituri ta' Mallia baqgħu m'aċċettawx, nanntu xorta waħda qabbditu t-triq biex jistudja l-mużika. Wara ftit taż-żmien hija xtratlu wkoll klarinett bil-moħbi tal-ġenituri.

Dan it-tfajjel kien imur jistudja l-mużika u jdoqq il-klarinett f'waħda mill-għelieqi tal-familja sabiex ma jurix lill-ġenituri tiegħu dak li għamlet miegħu nanntu. Salvatore kellu wkoll id-delizzju tal-kaċċa.

Nhar il-Ħadd 19 ta' April 1891 iż-żagħżugħ Salvatore ngħaqad fis-sagrament taż-żwieġ mas-Sinjorina Marianna nèe Aquilina. Huma kellhom ħames ulied: Ġużeppa, Karmenu, Nikola, Nazzareno u Emmanuele.

Iż-żagħżugħ Salvatore kien ħalla s-sengħa ta' skarpan u nhar is-Sibt 2 ta' Lulju 1892 ngaġġa bġala *gunner* mar-riġment tar-Royal Malta Artillery (RMA). Kien il-Ġimgħa 6 ta' Lulju ta' sentjen wara meta Mallia daħal fil-banda ta' l-istess riġment bl-istrument *euphonium*. Nhar il-Ġimgħa 6 ta' Diċembru tas-sena 1904 is-surmast Mallia ngħata promozzjoni ta' *Regimental Band Corporal*. Imbagħad fis-sena 1911 huwa ġie ddekorat bil-midalja ta' żmien twil li kien ilu fis-servizz kif ukoll kondotta tajba. Fis-sena 1914, Mro. Salvatore Mallia pparteċipa fil-kampanja militari *Expeditionary Force Malta* ta' l-Ewwel Gwerra Dinjija.

Fir-riġment, Mallia kien meqjus bħala bniedem ta' servizz, dixxiplina u onestà.

Dawn il-karatteristiċi pożittivi ġegħluh ikun maħbub minn kulħadd, tant li għenuh sabiex jilħaq *Band Sergeant* nhar il-Ħadd 28 ta' Novembru 1920, fejn issokkta jissaħħaħ u jispeċjalizza fl-arti mużikali. Bil-kapaċità li wera f'dan il-qasam mużikali, is-Surgent Mro. Salvatore Mallia ġie fdat bid-direzzjoni ta' l-istess banda tar-riġment, fl-assenza minn Malta tas-Surmast Direttur ta' din il-banda. Wara servizz leali ta' tletin sena lejn il-Kuruna Ingliża u art twelidu Mro. Mallia temm il-ħidma tiegħu minn mar-riġment nhar is-Sibt 1 ta' Lulju 1922.

Dan is-surmast hekk bravu, barra milli kien ta' widna tajba kien ukoll direttur kapaċi u kkompona ħafna mużika fosthom: intermezzi, preludji, opri, sinfoniji u marċi kemm trijonfali kif ukoll funebri. L-abilità tas-Surmast Mallia fl-arti mużikali għamlitu kompożitur u traskittur mill-aħjar li kien hawn fil-Gżejjer Maltin. Uħud mix-xogħlijiet tiegħu għadhom isebbħu l-Arkivju tas-Soċjetà Mużikali San Filep sal-ġurnata ta' llum.

## Fost l-aqwa xogħlijiet li kkompona Mro. Salvatore Mallia nsibu:

| Isem tas-Silta Mużikali | Tip ta' Xogħol Mużikali |
|---|---|
| Preludju Sinfoniku | Preludju Sinfoniku |
| One Day Rest | Marcia Sinfonica |
| England Forever | Marcia Sinfonica |
| Ideale | Intermezzo |
| The Dawn | Scherzo |
| Giorno di Festa | Marcia Sinfonica |
| Orfeo | Marcia |

## Arranġamenti Mużikali ta' l-istess Surmast jinkludu:

| Isem tas-Silta Mużikali | Tip ta' Xogħol Mużikali | Kompożitur |
|---|---|---|
| Cavalleria Rusticana | Grand Selection | Pietro Mascagni |
| Rigoletto | Grand Selection | Giuseppe Verdi |
| Andrea Chenier | Fantasia | Umberto Giordano |
| La Favorita | Selection | Gaetano Donizetti |
| Egmont | Overture | Ludwig van Beethoven |
| Der Freischutz | Overture | Carl Maria von Weber |
| Lohengrin | Fantasia | Richard Wagner |
| William Tell | Overture | Gioachino Rossini |
| Symphony N°. 5 | Andante | Ludwig van Beethoven |
| Carmen | Selection | George Bizet |
| Eroica | Overture | Girardon |
| Madam Butterfly | Selection | Giacomo Puccini |
| Othello | Atto Quarto | Giuseppe Verdi |
| La Walley | Gran Fantasia | Alfredo Catalani |
| Hungarian Rhapsody N°. 2 | — — | Franz Liszt |

## *Mro. Salvatore Mallia serva bħala Surmast Direttur ta' dawn il-Baned Maltin:*

| Isem tal-Banda | Lokalità |
|---|---|
| Duke of Connaught | Birkirkara |
| La Vilhena | Il-Furjana |
| San Gaetano | Il-Ħamrun |
| L'Isle Adam | Ir-Rabat |
| San Nikola | Is-Siġġiewi |
| Queen Victoria | Iż-Żurrieq |
| L'Unione | Ħal Luqa |
| Pinto | Ħal Qormi |
| San Filep | Ħaż-Żebbuġ |
| Filarmonica Nazionale La Vallette | Valletta (Assistant Surmast) |

Wara għomor ta' 65 sena, il-Mulej għoġbu jsejjaħ lil Mro. Salvatore Mallia b'mewta ħesrem nhar il-Ġimgħa l-Kbira fis-26 ta' Marzu tas-sena 1937. Din ġrat għall-ħabta ta' l-erbgħa u kwart ta' fil-għodu fir-residenza tiegħu 30, Triq San Ġakbu s-Siġġiewi.

Kellha tkun biss il-mewt li firditna minn dan il-maħbub surmast. Fil-funeral tiegħu, li sar l-għada s-Sibt, il-Baned San Nikola, L'Isle Adam u L-Unjoni, magħquda f'banda waħda, daqqew marċi funebri mat-toroq tas-Siġġiewi.

Għaqdiet Mużikali oħra minn kull lokalità ta' Malta kif ukoll mill-banda reġimentali tal-RMA kienu rappreżentati permezz ta' 36 standard. Bosta kuruni tal-ward akkumpanjaw ukoll it-tebut tal-mejjet Surmast u l-isbaħ kuruna kienet dik li ngħatat minn wieħed tallab mill-Belt Valletta, li miegħu Mallia kien ferm karitattiv. Id-difna tiegħu saret fil-knisja parrokkjali tas-Siġġiewi. Il-mewt ta' dan il-mibki Surmast nħasset minn kulħadd, iżda bla dubju mill-għażiża martu Marianna, tant li mietet ħamest ijiem warajh.

Nixtieq nirringrazzja lis-Sur F.X. Bezzina kif ukoll lis-Sur Nenu Aqulina tal-materjal siewi li pprovdewli sabiex inkun nista' nikteb din l-istorja dettaljata.


**TAGĦLIM TAL-MUŻIKA FIL-KAŻIN BANDA SAN NIKOLA**

Dawk it-tfal li jixtiequ jitgħallmu strument tal-banda huma mħeġġa sabiex japplikaw għal-lezzjonijiet tal-mużika.

Il-każin joffri dawn il-lezzjonijiet ***MINGĦAJR ĦLAS* darbtejn fil-ġimgħa.**